

## Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-16 ta' Jannar 2014 (Każ R 837/2013-1), hija annullata għal dak li jirrigwarda r-rifut ta' reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għall-“frott u ħaxix ippreżervat, iffriżat, imnixxef jew imsajjar; prodotti tal-ħalib”.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Il-partijiet għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 282, 25.8.2014.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' tas-7 ta' Ottubru 2015 – The Smiley Company vs UASI (Forma ta' wiċċi fi stilla)

(Kawża T-244/14) <sup>(1)</sup>

[“*Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' wiċċi fi stilla — Ragġuni assoluta għal rifut — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2015/C 398/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: The Smiley Company SPRL (Brussell, il-Belġu) (rappreżentanti: A. Freitag u C. Albrecht, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. Geroulakos u A. Folliard-Monguiral, aġġent)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Jannar 2014 (Każ R 838/2013-1), dwar talba għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kostitwit minn forma ta' wiċċi fi stilla bħala trade mark Komunitarja.

## Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-16 ta' Jannar 2014 (Każ R 838/2013-1) hija annullata f'dak li jirrigwarda r-rifut ta' reġistrazzjoni tat-trade mark mitluba għal “frott u haxxejx ippreżervat, iffriżati, imnixxfin u msajjrin; prodotti tal-ħalib”.*

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-partijiet għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 282, 25.8.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' 15 ta' Ottubru 2015 – Promarc Technics vs UASI – PIS (Parti minn bieb)**

(Kawża T-251/14) <sup>(1)</sup>

[“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta parti minn bieb — Disinn internazzjonali preċedenti kkostitwit minn privattiva Amerikana — Raġuni għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Assenza ta' karattru individwali — Assenza ta' impressjoni globali differenti — Prova tal-iżvelar lill-pubbliku tad-disinn preċedenti — Oqsma speċjalizzati tas-settur ikkonċernat — Utent avżat — Livell ta' libertà tal-kreatur — Artikolu 6, Artikolu 7(1) u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”]

(2015/C 398/64)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrenti: Promarc Technics s.c. Tomasz Pokrywa, Rafał Naturski (Zabierzów, il-Polonja) (rappreżentant: J. Radłowski, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: D. Walicka u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Petrycki i Sorys sp.j. (PIS) (Jasło, il-Polonja) (rappreżentant: D. Kulig, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Jannar 2014 (Każ R 1464/2012-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Petrycki i Sorys sp.j. (PIS) u Promarc Technics s.c. Tomasz Pokrywa, Rafał Naturski.

**Dispōzittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Promarc Technics s.c. Tomasz Pokrywa, Rafał Naturski hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 212, 7.7.2014.